L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

15 ta' Marzu 2019
35/2019

# VIŻTA PASTORALI TAL-ISQOF AWŻILJARJU JOSEPH GALEA-CURMI

L-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi qed jagħmel Viżta Pastorali fl-Arċidjoċesi ta' Malta. L-ewwel parroċċa li żar kienet il-parroċċa tal-Familja Mqaddsa, l-Iklin, bejn id-9 u l-14 ta' Marzu.

L-Arċisqof Charles J. Scicluna, li beda l-Viżta Pastorali sentejn ilu, u l-Isqof Galea-Curmi, qed iżuru s-70 parroċċa f'Malta biex jiltaqgħu mar-realtajiet differenti ta' kull parroċċa u jkunu qrib in-nies.

Il-Viżta Pastorali tal-Isqof Galea-Curmi laqqgħatu mal-komunità tal-Iklin fejn iltaqa' mat-tfal, mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, kif ukoll ma' familji, anzjani u persuni morda. Huwa ltaqa' ma' għadd ta' voluntiera li b'ħafna dedikazzjoni jagħtu sehemhom f'oqsma differenti fil-ħajja tal-parroċċa, fosthom il-katekisti u l-operaturi pastorali.

L-Isqof Galea-Curmi żar diversi familji li għaddejjin minn ċirkustanzi partikulari, kellu laqgħa ta' djalogu mal-membri tal-Kunsill Lokali u żar il-komunità kummerċjali tal-Iklin fejn iltaqa' mal-ħaddiema u s-sidien f'diversi ħwienet.

Il-Viżta Pastorali tal-Isqof Awżiljarju Galea-Curmi ser tkompli fil-parroċċa tal-Imtarfa fit-30 tal-Marzu li ġej.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**